**19 ta' Mejju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. *Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President***
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo *noe*

*versus*

Charles Psaila *et*

## Garanzija *in solidum*

*Garanti* in solidum, *fit-termini ta' l-artikolu 1935 (b) tal-Kodići Ċivili huwa fl-istess posizzjoni tad-debitur u ma jistax jitlob jew jopponi l-eċċezzjoni ta' l-eskussjoni jew il-beneficċju tad-diviżjoni.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tal-25 ta' Settembru, 1992 li minnha sar dan l-appell u li hija hekk:

"Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur *nomine* kien ta faċilita` ta' *overdraft* lis-soċjeta` *en nom collectif* C. Psaila u J. Buhagiar liema soċjeta` ġiet likwidata fil-21 ta' April, 1989;

Premess illi in forza ta' skrittura tas-27 ta' Jannar, 1982 (dok. A) il-konvenuti ggarantew *in solidum* flimkien mas-soċjeta` msemmija li jħallsu lill-attur *nomine* dak dovut fuq l-imsemmi self sas-somma ta' tmintax-il elf u ħames mitt lira Maltija (Lm18,500);

Premess illi l-bilanċ dovut illum lill-attur *nomine* fuq l-*overdraft account de quo* jammonta għal tliet elef, tlett mija u tlieta u disgħin lira maltija, ħdax-il ċenteżmu u tmien milleżmi

(Lm3,393.11,8) (Dok. B);

Premess illi nonostante li l-konvenuti ġew interpellati anke uffiċjalment sabiex iħallsu baqgħu inadempjenti;

Talab għalhekk l-istess konvenuti dina l-Qorti:

Tikkundanna *in solidum* lill-konvenuti jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' tliet elef, tlett mija u tlieta u disgħin lira maltija, ħdax-il ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm3,393.11,8) rappreżentanti l-bilanċ dovut lill-attur *nomine* fuq l-*overdraft account* fuq imsemmi;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Novembru, 1990 tal-mandati ta' qbid, ta' sekwestru u ta' impediment ta' partenza ppreżentati kontestwalment u bl-imgħax bi tmienja fil-mija (8%) mit-23 ta' Settembru, 1990 kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Charles Psaila li biha jeċċepixxi:

Illi preliminarjament il-konvenut mhux il-leġittimu kontradittur stante illi kull dejn talvolta dovut huwa ta' responsabbilta` tas-soċjeta kummerċjali "C. Psaila and J. Buhagiar";

Illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni l-allegat debitu għandu jiġi vverifikat u fi kwalsiasi każ m'għadux ikun ikkontenuti mgħaxijiet fuq imgħaxijiet;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Buhagiar

li biha jeċċepixxi:

Illi preliminarjament is-soċjeta` *en nom collectif* li tagħha l-eċċipjenti kien membru għadha sal-lum ma ġietx illikwidata għalkemm ingħata l-avviż tat-temm *ai termini* tal-ftehim tal-kostituzzjoni tas-soċjeta`;

Fit-tieni lok jidher li l-ammont mitlub huwa eċċessiv għaliex ġew ikkalkolati mgħaxijiet komposti meta dawn kellhom ikunu sempliċi;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda tagħhom flimkien mad-dokumenti li ġew esebiti;

Semgħet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ittrattata l-ewwel eċċezzjoni;

Ikkunsidrat li l-attur *nomine* daħal fi ftehim mas-soċjeta` *en nom collectif* C. Psaila u J. Buhagiar biex dawn ikollhom *overdraft facilities*. L-attur *nomine* ppreżenta dokumenti tal-bank tiegħu għalbiex sostna li minn *records* tagħhom is-soċjeta` fuq imsemmija hija debitriċi tagħhom għall-ammont ta' Lm3,393.11,8 u li biex jagħmlu tajjeb għall-ħlas ta' tali dejn daħlu personalment garanti l-konvenuti *proprio* jiġifieri Charles Psaila u Joseph Buhagiar;

Illi jidher li l-attur *nomine* flok aġixxa ġudizzjarjament u fl-

ewwel lok kontra s-soċjeta` C. Psaila u J. Buhagiar, qabad u ħarrek lill-garanti. Meta si tratta ta' *overdraft facilities*, huwa diffiċli li tikkonkludi meta dan ġie kkristallizzat u determinat billi debitur dejjem jista' jeffettwa depożitu li jista' jbiddel il-qagħda finanzjarja tiegħu. Hekk per eżempju fil-mori tal-kawża xehed Michael Cordina (ara deposizzjoni a fol. 27 tal-proċess) li l-ammont dovut mill-bank illum bħala bilanċ huwa ta' elf, disa' mija u tmienja u sebgħin lira maltija u tmienja u erbgħin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm1978.48,2) u dan billi sar pagament kwantu għan-nofs minn wieħed mill-konvenuti *nomine*. Lanqas jidher li saret xi nota ta' riduzzjoni ta' l-ammont mitlub fiċ-ċitazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, l-attur *nomine* messu jew fl-ewwel lok aġixxa kontra s-soċjeta` debitriċi sabiex jikkannonizza l-kreditu tiegħu jew inkella aġixxa kontra tagħha u sussidjarjament kontra l-odjerni konvenuti *proprio* imma mhux, kif invece ħarrek ad esklużjoni tas-soċjeta` debitriċi (*The Principal* imsemmija fil-garanzija esebita). Għalhekk kif ġiet impostata ċ-ċitazzjoni ma jidhirx li l-ġudizzju huwa integru u korrett;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju b'dan li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa u b'riserva espressa lill-attur *nomine* li jintavola kawża oħra għall-ammont talvolta dovut *si et quatenus*";

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni ta' l-appell ta' l-attur *nomine* li permezz tagħha talab li din il-Qorti joġgħobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba attriċi kif redotta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

Rat ir-risposti relattivi ta' l-appellati Charles Psaila u Joseph Buhagiar li t-tnejn issottomettew illi s-sentenza appellata timmerita pjena konferma bl-ispejjeż kontra l-attur appellant;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant jissottometti illi ma jistax ikun hemm dubbju li l-konvenuti personalment daħlu garanti *in solidum* flimkien mas-soċjeta` f'isem kollettiv C. Psaila and J. Buhagiar għall-ħlas ta' kull dejn dovut lill-appellant *nomine* sas-somma ta' tmintax-il elf u ħames mitt lira Maltija (Lm18,500). Il-garanzija tas-27 ta' Jannar, 1982 li kopja tagħha tinsab esebita a fol. 5 tal-proċess ma tħalli l-ebda dubbju li fil-fatt il-konvenuti daħlu garanti *in solidum* ma' l-imsemmija soċjeta'. L-appellant jissottometi wkoll illi anke li kieku fl-imsemmija garanzija miktuba ma ntużax il-kliem *jointly and severally* stante li hawn si tratta ta' self bankarju dan jammonta għal att kummerċjali u allura jsegwi illi fit-termini ta' l-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Kummerċ il-garanti ta' self bankarju huwa preżunt garanti *in solidum* salv prova kuntrarja;

Stabbilit dan, l-appellant jissottometti illi *una volta* l-konvenuti kienu u għadhom garanti mas-soċjeta` msemmija, id-dispositiv tal-liġi applikabbli għall-każ in eżami kien dak ikkontenut fl-artikolu 1935 (b) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li "l-benefiċċju ta' l-eskussjoni ma jgħoddx jekk il-garanti jkun obbliga ruħu *in solidum* mad-debitur";

L-appellant għalhekk jissottometti illi huwa kellu u għad għandu d-dritt skond il-liġi jaġixxi kontra l-konvenuti personalment bħala garanti *in solidum* mingħajr il-ħtieġa li jħarrek ukoll id-debitur prinċipali u l-konvenuti min-naħa tagħhom ma setgħux jeċċepixxu l-benefiċċju ta' l-eskussjoni;

Għall-mument din il-Qorti ser tieqaf hawn allavolja fil-fatt kemm fil-petizzjoni ta' l-appell kif ukoll fil-kors tat-trattazzjoni ssemma wkoll il-fatt tax-xoljiment tas-soċjeta` msemmija u tal-fatt tan-nomina ta' stralċjarju. Din il-Qorti mhix ser tidħol f'dawn l-aspetti għaliex jidhrilha li huma rrilevanti għall-każ li jista' faċilment jiġi deċiż fuq il-punt legali involut fl-aggravju prinċipali ta' l-appellant u li għadu kif ġie indikat. In fatti f'dan il-każ, dak li huwa rilevanti huwa l-fatt illi kif jirriżulta mill-istess garanzija a fol. 5 tal-proċess il-konvenuti personalment daħlu garanti *in solidum* - "we the undersigned hereby jointly and severally with the principle guarantee to you the payment of ...." mas-soċjeta` msemmija u ċjoe` s-soċjeta` għan-nom kollettiv C. Psaila u J. Buhagiar fl-ammont li jissemma' aktar 'il fuq. Minn dan id-dokument biss għalhekk diġa` tirriżulta stabbilita suffiċjentement il-garanzija *in solidum* mad-debitur prinċipali favur il-bank. Anke li kieku ma kienx hekk pero` trattandosi proprju ta' garanzija bankarja li fit-termini ta' l-artikolu 5(b) tal-Kodiċi tal-Kummerċ jirrisolvi ruħu f'att ta' kummerċ minħabba li huwa konness ma' self bankarju kien ikun applikabbli d-dispost ta' l-artikolu 1941 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li l-garanti fil-ħwejjeġ tal-kummerċ, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra, jitqies dejjem li hu obbligat *in solidum* mad-debitrur;

Dana kollu qiegħed jingħad il-għaliex kif sewwa osserva l-appellant minħabba li hawn si tratta mhux ta' garanzija sempliċi imma ta' waħda *in solidum* ċjoe` *joint and several* il-konsegwenza

hija illi l-garanti *in solidum* fit-termini ta' l-artikolu 1935 (b) tal-Kodiċi Ċivili huwa fl-istess pożizzjoni tad-debitur u ma jistax jitlob jew jopponi l-eċċezzjoni ta' l-eskussjoni jew il-benefiċċju tad-diviżjoni. In fatti l-effetti tal-garanzija solidali prinċipalment jirrisolvu ruħhom proprju f'dan bil-konsegwenza illi l-kreditur huwa mogħti d-dritt illi jaġixxi direttament kontra l-garanti solidali mingħajr il-ħtieġa li qabel jaġixxi kontra d-debitur prinċipali jew li jirrikorri għall-eskussjoni jew għad-diviżjoni tal-beni qabel ma jkun jista' jaġixxi kontra l-garanti solidali;

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tifhimx ir-*ratio* tas-sentenza appellata. L-unika ħaġa illi talvolta kien ikun jiġġustifika s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kien il-prinċipju li kien ġie rikonoxxut bħala applikabbli għall-każijiet ta' kont kurrent u dan kif kienet osservat il-Qorti tal-Kummerċ fit-23 ta' Frar, 1937 in re **Portelli vs Galea** illi l-garanti tal-kurrentista huwa tenut għall-bilanċ li jirriżulta mil-likwidazzjoni li ssir meta jingħalaq il-kont kurrent u għalhekk avolja huwa jista' jiġi azzjonat mill-kreditur mingħajr il-ħtieġa li jiġi azzjonat miegħu wkoll id-debitur, minħabba s-solidarjeta`, dak il-garanti għandu d-dritt jirrifjuta li jħallas qabel ma ssir dik il-likwidazzjoni tal-kont kurrent bejn il-kreditur u d-debitur kurrentista biex jiġi stabbilit il-bilanċ finali li jirriżulta dovut mill-kont kurrent. Il-każ preżenti pero` huwa kompletament differenti u ma jiġġustifikax id-deċiżjoni li ħadet l-ewwel Qorti li essenzjalment hija bbażata fuq il-konvinzjoni tagħha illi qabel jitħarrku l-appellanti bħala solidali kellha titħarrek is-soċjeta` debitriċi li magħha kienu daħlu garanti solidali;

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti sejra tirrevoka s-sentenza appellata u billi l-meritu *ut sic* l-ewwel Qorti ma jidhirx li daħlet fih, din il-Qorti tħallih impreġudikat u ma tridx tippriva lill-

partijiet il-benefiċċju tad-doppju eżami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni skond il-liġi;

Għal dawn il-motivi, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Psaila u tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni skond il-liġi. L-ispejjeż tal-Prim'istanza jkunu a kariku tal-konvenut Psaila, mentri dawk ta' l-appell preżenti jkunu a kariku taż-żewġ konvenuti appellati.